MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-30 ta' April, 2009

Appell Kriminali Numru. 95/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. B. Spiteri)**

**Vs**
**Michael Bianco**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-1 ta' Novembru, 2008, ghall-habta ta' 00.45 a.m. gewwa Sky Club, Triq Dragonara, San Giljan

1. ingurja jew hedded lil Alexander Zammit bil-kliem;
2. hebb kontra l-persuna ta' Alexander Zammut u kkagunalu offiza ta' natura hafifa skond kif iccertifika Dr. S. Camilleri MD mill-Gzira Health Centre;
3. Qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indicenti;
4. volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku bl-ghajjat u bil-glied.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-5 ta’ Marzu, 2009, li biha, stante li kienet preskritta lliberatu.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-25 ta’ Marzu, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn illiberat lill-appellat mill-ewwel imputazzjoni kif ukoll mill-ewwel parti tat-tieni imputazzjoni (w cioe’ tar-reat ta’ hebb) u mit-tielet u mir-raba’ imputazzjoni, filwaqt li tirrevokaha w thassaraha f’dik il-parti fejn illiberat lill-appellat mit-tieni parti tat-tieni imputazzjoni w cioe’ mir-reat ta’ offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Alexander Zammit, u minflok issib lill-appellat hati talli nhar l-1 ta’ Novembru, 2008, ghall-habta ta’ 00.45 a.m. waqt li kien fi Sky Club, Triq Dragonara, San Giljan, ikkaguna lil persuna ta’ Alexander Zammit ferita ta’ natura hafifa kif gie ccertifikat wara minn Dr. S. Camilleri MD mill-Gzira Health Centre u tinfliggi kontra l-istess appellat il-piena idonea fuq dan ir-reat skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkonsidrat illi fis-seduta tal-lum il-partijiet iddikjaraw li kienu qed jaqblu illi r-reat delitwuz ta’ offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Alexander Zammit huwa preskritt bit-terminu ta’ sentejn u mhux dak ta’ tlitt xhur u li konsegwentement ghalhekk dan ir-reat s’issa ghadu mhux preskritt.  Qablu wkoll illi din il-Qorti terga’ tirrimetti l-process lill-Ewwel Qorti biex tisma’ l-provi limitatament dwar ir-reat ta’ offiza hafifa dedott fit-tieni parti tat-tieni imputazzjoni w tiddeciedi fuq il-mertu ta’ din l-imputazzjoni.

Din il-Qorti taqbel ma dan u l-appell tal-Avukat Generali jidher manifestament fondat.

Ghal dawn il-motivi tilqa’ l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn illiberat lill-appellant mill-

ewwel parti tat-tieni imputazzjoni ta’ hebb kif ukoll mit-tielet u mir-raba’ imputazzjoni w tirrevokaha f’dik il-parti fejn iddikjarat illi t-tieni parti tat-tieni imputazzjoni w cioe’ li l-appellant ikkaguna offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Alexander Zammit hija preskritta w minflok tiddikjara li din l-imputazzjoni mhix preskritta w, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-doppjo ezami, qed tibghat lura l-atti lill-Ewwel Qorti biex tisma’ l-provi w tiddeciedi limitatament fuq din it-tieni parti tat-tieni imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------